**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAGISTRAT:**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JUR (EU LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2002**

**Avviz nru. 54/99**

**Anthony Lautier**

**- vs -**

**George Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ta' l-attur permezz ta' liema talab li l-konvenut jigi kkundannat ihalsu is-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm218.15) u kull somma ohra li tigi likwidata ghall-ispejjez li huwa inkorra u li ghadu jinkorri sallum u jiba' jinkorri fi hlasijiet inutilment ghall-kiri ta' vetturi 'self-drive' u servizz bit-taxi ghall-qadi tas-servizzi tieghu ghaz-zmien li l-vettura tieghu Jeep B-0215 damet ghand il-konvenut ghat-tiswija u cioe minn April tas-sena korrenti (1995) u li l-konvenut sal-lum la sewwiha u aktar qed jirrifjua li jikkonsenja l-istess vettura lura lill-attur biex jaghmel it-tiswijiet ghand haddiehor, liema tiswijiet il-konvenut naqas li jaghmel fi zmien ragonevoli minkejja li kien ipprometta lill-attur li t-tiswijiet kienu ser ikunu lesti ferm qabel ma kellu jibda l-istagun tas-sajf u li l-konvenut kien jaf il-bzonn li l-attur ghandu ghall-uzu ta' l-istess vettura matul iz-zmien tas-sajf u dan minkejja wkoll li kien l-attur innifsu li pprovda il-parts li kellhom jigu mibdula fil-vettura tieghu u liema spejjez l-attur kien kostrett li jaghmel u ghadu kostrett li jaghmel minhabba l-impenji u n-natura tax-xoghol tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi ta' l-ittra interpellatorja tat-21 ta' Lulju 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat n-nota ta'l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. l-infondatezza fid-dritt u fil-fatt tat-talbiet attrici ghaliex fl-ewwel lok id-dewmien sabiex tigi riparata il-vettura Jeep B-0215 ma kienx dovut ghal xi nuqqas tal-konvenut izda ghall-fatt li ma nstabux spare parts ghal din il-vettura u lanqas l-attur ma rnexxilu jipprovdi dawn il-parts;

2. fit-tieni lok l-attur kien qal lill-konvenut sabiex jarma l-vettura kif kienet u meta l-esponenti ghamel dan kien l-attur illi naqas illi imur jigor il-vettura – minkejja illi l-konvenut rama l-vettura immedjatament. Kien imbaghad il-konvenut illi ha l-izbriga illi icempel lill-avukat tal-attur u jghidlu sabiex huwa (l-attur) imur jigbor il-vettura basta ihalsu l-ispejjez illi kienu dovuti lill-konvenut. Meta l-attur irrifjuta illi ihallas dan l-ammont, il-konvenut kien gustifikat illi jzomm il-vettura bhala garanzija ghal hlas dovut lilu bis-sahha tal-jus ritentionis.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attur fil-bidu ta' April tas-sena 1995 qabbad lill-konvenut sabiex jaghmillu t-tiswijiet fil-landrover numru ta' registrazzjoni B-0215.

Skond l-attur it-tiswijiet kellhom jikkonsistu filli kienet marritlu it-'transfer case' u kellu bzonn ibiddel xi gerrijiet. Huwa fisser li x-xoghol kien jirrikjedi filli titwessa ftit it-toqba tat-'transfer case' cioe minfejn jghaddi ix-xaft, targa tintela u tigi limata ghal 'gauge' opportun imbaghad jintramew il-'parts'. Dwar dawn il-'parts' spjega li kien ser jipprovdi hu stess tant li kkonferma li l-kliem li qal lill-konvenut kienu "aqla', ara x'ghandek bzonn u jiena ngiblek". Stqarr li kien sahhah fuq il-konvenut li l-karozza rieda fi zmien qasir stante li kien juzaha ghax-xoghol tieghu izda, skond l-attur, il-konvenut infurmah biss wara xahrejn dwar l-affarjiet li kien hemm bzonn u sa xahar u nofs wara t-tiswijiet kienu ghadhom ma sarux. Eventwalment ha l-vettura lura f'Ottubru ta' l-istess sena u t-tiswijiet ghamilhom hu stess f'jumejn. Zied li x-xoghol li kien ghalillu l-konvenut ma kienx tajjeb. Bhala danni in linja ta' spejjez minnu inkorsi kemm il-vettura damet ghand il-konvenut hu esebixxa fattura wahda (folio 29) ghall-kirijiet ta' taxi u vetturi tal-kiri minghand Frank's Garage Ltd. Dwar fatturi ohra inghad li gew manomessi izda gew ikkonteggjati mill-avukat tieghu qabel ma gie intavolat l-avviz.

Il-konvenut da parti tieghu stqarr li l-attur kien hadlu l-vettura biex ibiddillu it-'transfer case' tal-'gear box' taghha izda 'parts' ghat-'transfer case' ma nstabux. Hu kien ipprova jaghmel xi 'bush' izda ma kinitx sodisfacjenti. Kien l-attur li allura insistilu biex jarma kollox kif inhu u

baqa' jinsistilu anka meta hu  (il-konvenut) fissirlu li f'dan il-kaz kellu jarma bis-'shaft' mikul. Stqarr li l-attur kien gablu l-'pin' fejn jidhol it-'transfer case' izda l-'case' proprja ma kienx gabilu. Bil-'pin' li kien gablu l-attur ma kellux ghalfejn izarma il-'gearbox' kollha kemm hi izda kien l-attur li qallu biex jaqlaha sabiex tinqalha t-'transfer case' pero l-'parts' ta' din ta' l-ahhar qatt ma gew provduti kif kien intrabat l-attur li jaghmel.

Hu l-konvenut, li hu socju fin-negozju ta' 'mechanic' mieghu, stqarr li l-attur kien gab il-'landrover' li kellha bzonn  'transfer case' tal-'gear box' izda li 'parts' ghaliha ma kienx hemm u "baqghu ma gew qatt". Stqarr li kienu zarmaw il-karozza biex jahdmu fuqha u regghu gharmawha bit-'transfer case' qadim skond kif  kien qalilhom l-attur  tant li l-attur ha lura l-karozza mill-garaxx taghhom irmonkata. Attribwixxa l-fatt tal-gharmar tat-'transfer case' qadima minhabba li l-attur ma kienx provda sostitut. Ma eskludix li l-karozza setghet damet fil-garaxx taghhom minn April sa Settembru 1995 u stqarr li l-attur kien gie xi sitt darbiet il-garaxx.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti din il-qorti hi tal-fehma li l-attur, li fuqu kienet tinkombi l-prova tad-danni, ma irnexxilux li jipprova sodisfacjentement li d-danni allegatament sofferti minnu kienu kagun l-imperizja tal-konvenut. Kemm damet il-vettura ghand il-konvenut huwa irrilevanti jekk l-attur kellu jgib l-'parts' li kien assuma li jipprovdi u li din il-Qorti waslet biex tifhem li bhala fatt ma kienx ipprovdihom. Jekk xejn l-attur bhala appaltatur kellu d-dritt li jxolji l-kuntratt a pjaciment tieghu haga li, skond l-attur innifsu, ghamel biss wara li kienu ghaddew xi sitt xhur.

Ghalhekk qeghdha tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez  kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur